# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 212/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Maria Stella Cutajar)

vs

**Simo Karaivanov**

iben Ivan , imwieled il-Bulgaria, fid-19 ta' Novembru, 1965, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 46101(A)

Illum 6 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Simo Karaivanov quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-13 ta' Ottubru, 2013 għall-ħabta ta' 15.00Hrs fi Triq il-Wilga, Qawra

1. Saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura Nru. EBH-475 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;

2. W'aktar talli saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru. EBH-475 fit-triq jew f'post pubbliku wara li ikkonsuma alcohol li l-proporzjon tiegħu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mill-limitu preskritt;
3. Saq l-imsemmija vettura Nru: EBH-475 mingħajr ma kien qed jagħmel użu mis-'Seat Belt';
4. Saq vettura Nru. EBH-475 b'manjiera traskurata;
5. Saq vettura Nru. EBH-475 b'manjiera bla kont.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' żmien ta' m'hux inqas minn sitt xhur."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Mejju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a)(2), 15(A), 15(B) tal-Kap. 65 u l-Artikolu 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.12, illiberat lill-akkużat mir- raba' (4) u mill-ħames (5)akkużi, sabitu ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkużi u kkundannatu multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) u ssospenditlu il-liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellanti Simo Karaivanov minnu ppreżentat fis-16 ta' Mejju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermha fejn il-Qorti sabet l-imputat mhux ħati u tħassarha w tirrevoka fejn il-Qorti sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kif indikati fis-sentenza w minnhom tilliberaħ skont il-liġi. Alternattivament u mingħajr pregudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, dina l-Onorabbli Qorti qed tiġi mitluba tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar *ekwu* għall-każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi mill-fatti u kif irriżulta mill-provi, l-imputat wera li kien għal kollox responsabbli fl-imġieba tiegħu. Illi dan irriżulta b'mod ċar tant li anki l-abbli prosekutur rat li l-imputat kien għal kollox ġenwin u anki qisu skantat li l-Qorti ma apprezzatx il-fatti favur l-imputat. Illi dan ġie osservat mill-mod kif l-imputat kien qed jixhed b'mod konkret u jispjega x'ġralu fejn wera li kien responsabbli.

2. Illi allaċjat mas-suespost, l-imputat spjega li anki biex ipoġġi l-vettura mal-ġemb, kellu diffikulta tort żgur m'hux tiegħu. Illi fil-fatt kien qed jara kif se jagħmel biex jeħodha għand mechanic la d-diffikulta irriżultat waħda ta' natura mekkanika.

3. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, oġġettivament sakemm l-imputat irnexxielu ipoġġi l-vettura mal-ġenb, l-perċezzjoni kienet waħda negattiva imma fil-verita' dan ma kienx il-każ.

4. Illi meta l-imputat ġie avviċinat mill-uffiċċjali tal-awtorita, l-imputat ikkopera għal kollox magħhom. Illi għandu jiġi apprezzat ukoll li l-imputat hu barrani fejn is-sapjenza tiegħu tal-lingwa Ingliz hu għal kollox limitat u dan xorta obda u ikkopera għax kien konxju li m'għamel xejn!

5. Illi f'dan ir-rigward, ma kienx miċħud li l-imputat kien ma sħabu fejn xorbu ftit liema ħaġa tispjega l-għaliex kellu riħa tax-xorb. Illi, pero, l-imputat tant hu imdorri li jixrob birra jew tnejn kważi kuljum, hu kien ferm konxju mis-sitwazzjoni tiegħu biex b'hekk irriżulta b'mod ċar li l-uffiċċjali konċernati għażlu li jmexxu u jħallu kollox f'idejn il-Qorti meta fil-fatt l-imputat mexa verament b'mod responsabbli.

6. Illi bl-ebda mod is-suespost punti m'għandhom jiġu kunsidrati bħala punti eżawrjenti. Illi dan qed jingħad, fost affarijiet oħra, għax din il-kawża instemgħet flimkien ma' tlett kawżi oħra w l-provi intuzaw kollettivament.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

L-aggravji tal-appellant jistgħu jkunu sintetizzati f'punt wieħed: apprezzament ħażin tal-provi. L-appellant ikkopera mal-pulizija, għandu fedina netta u l-fatt li mar barbecue f'nofs in-nhar u xorob xi ftit birra ma jfissirx li dan ma setax isuq. Fuq kollox ma kienx qed isuq bl-addoċċ iżda kien biss qed jipprova jsib tarf ta' problema mekkanika li nqalgħet fil-karozza u pprova jitfagħha mal-ġenb. Kien hemm ukoll l-aggravju dwar il-piena.

Dwar l-aggravju fuq apprezzament tal-provi prodotti din il-Qorti qalet kemm il-darba li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti jekk din setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Għalhekk il-Qorti ser tgħarbel il-provi prodotti kollha mill-ġdid.

Mix-xhieda u l-provi dokumentati jirriżulta dan li ġej:

Skont PS 1354 Claudio Coppola fit-13 t'Ottubru 2013 madwar it-tlieta ta' wara nofs in-nhar huwa kien on patrol fil-Qawra flimkien ma' PC 173. Il-Control Room infurmawhom li kienu rċevew telefonati anonimi li fi Triq il-Coasta ġewwa n-Naxxar kien hemm vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBH 475 tal-marka Peugeot li kienet qed tinstaq b'manjiera perikoluża u li s-sewwieq seta' kien taħt l-influwenza tax-xorb. Il-karozza kienet sejra fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Baħar.

Waqt li kienu qed isuqu fi Triq Wilġa fil-Qawra huma lemħu l-karozza misjuqa fid-direzzjoni opposta lejn Triq il-Pijunieri u kienet qed iddur (swerving) f'nofs it-triq. Huma waqqfu l-karozza u raw li n-naħa tal-passiġġier kien hemm numru ta' flixken tal-birra u riħa qawwija ta' alkoħol. Is-sewwieq intalab jidentifika ruħu u rriżulta li kien Simo Karaivanov bil-karta tal-identita' bin-numru 46101A imwieled fid-19 ta' Novembru 1965 u joqgħod Techno Buildings Flat 2, Testaferrata Street Ta' Xbiex. Huwa nforma lis-sewwieq li kien ser isir *breathalyser test* u huwa aċċetta li jsir it-test. Ittieħed l-għassa tal-Qawra fejn reġa' ngħata t-twissija minn PS 419. It-test irriżulta pożittiv – 106 ug/100ml. Ingħatat kopja tat-test lis-sewwieq (fol.3).

Skont affidavit ieħor PS 419 A.Buttigieg nhar it-13 t'Ottubru 2013 għall-ħabta tat-15.30 PS 1354 ġab miegħu lil Simo Karaivanov fejn imbagħad sar il-*breathalyser test.* Huwa infurmah li kien sejjer jagħmillu test minħabba li kien hemm suspett li kien qed isuq taħt l-influwenza tal-akoħol. Ir-riżultat kien pożittiv – 106 ug/100ml. Is-sewwieq iffirma r-riżultat tat-test.

A fol.5 hemm irr-riżultat tat-test li juri l-figura mogħtija.

Fil-Qorti tal-appellant il-Qorti ħatret interpretu biex jaqleb mil-lingwa Maltija għal-lingwa Bulgara.

L-appellant xehed fil-Qorti tal-Maġistrati u fil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri). It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu fil-Qorti tal-Appell Kriminali tidher a fol.24 et tal-proċess. Huwa qal li kien xogħol sa nofs in-nhar u l-kollegi stednuh għall-barbecue li dam xi sagħtejn u nofs. Meta daħal fil-karozza kien iħossu tajjeb u ma kienx fis-sakra (fol26). Kif kien qed isuq mar il-clutch. Huwa pprova jidħol f'park żgħir biex ma jibqax f'nofs it-triq. Meta waslu l-pulizija l-karozza kienet wieqfa. Huwa nnega li kien ingħata kopja tat-test. Huwa kien ikkopera mal-pulizija. Huwa spjega wkoll li meta spiċċa l-barbecue kien fadal ħafna birra u tqassmu u hu kien għamel il-birra fil-karozza fuq wara. Żied jgħid li fil-karozza ma xorobx birra.

Għandu jingħad mal-ewwel li fis-sentenza miktuba bil-linka mill-Qorti tal-Maġistrati jingħad li l-Qorti qed tillibera lill-appellant mir-raba' u l-ħames imputazzjoni. Dawn kienu dwar sewqan b'manjiera traskurata u sewqan b'manjiera bla kont.

Barra dan il-Qorti qalet li kienet disposta taċċetta li l-vettura ma kinitx qed taħdem sew. Iżda, żiedet tgħid, li kien irriżulta li l-akkużat qed jikser il-liġi.

Waqt it-trattazzjoni l-Qorti tal-Appell Kriminali talbet lill-avukat difensur jittratta dwar il-breathalyser test. L-Avukat qal li 'Imma l-kwistjjoni hija l-breathalyser huwa indikazzjoni. Jekk jien nieħu żewġ birer I have had it, m'hemmx għalfejn it-test.' L-Avukat tar-Repubblika wieġbet: Skont l-affidavit ta' PS 354 Claudio Coppola '*there was a strong smell of alcohol* u aktar minn hekk għandna l-breathalyser test. Bħala stat ta' fatt l-akkużat iffirmah dan it-test u jirriżulta li qabeż il-limitu preskritt mil-liġi.'

Il-Qorti qed tiffoka fuq l-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat instab ħati u mhux fuq dawk li nħeles minnhom u li għalhekk huma *res judicata*.

Il-Qorti eżaminat ir-riżultat tal-*breathalyser test* u dan juri li l-ammont tal-akohol kien jiżboq dak li hu permess mil-Liġi u t-tieni imputazzjoni hija għalhekk ippruvata.

Isegwi li l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb. Dan jirriżulta wkoll minn dak li ntqal fl-affidavit dwar ir-riħa qawwija ta' xorb. Għalhekk din ukoll tinsab ippruvata.

Dwar it-tielet imputazzjoni – nuqqas ta' użu tas-seat belt – ma jirriżulta minn imkien fl-appell miktub li sar appell dwar dan. L-aggravji jridu jidhru kollha fl-istadju tal-kitba u ma jistgħux jitqanqlu fl-istadju tat-trattazzjoni. L-għan tat-trattazzjoni huwa biex isiru sottomissjonijiet – kemm legali kif ukoll dwar punti ta' fatt – dwar l-aggravji li jkunu saru bil-miktub. Isegwi għalhekk li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għaddiet in ġudikat.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, jiġifieri li l-appellant huwa ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, kemm legalment kif ukoll raġonevolment.

Għalhekk qed tiċħad l-aggravji kollha dwar l-apprezzament ta' fatti.

Dwar il-piena il-Qorti qieset li l-fatti seħħew fit-13 t'Ottubru 2013. Il-piena nbidlet bl-Att XIV 2017 fl-4 t'April 2017. Tgħodd il-piena li kienet fis-seħħ fis-sena 2013. Dak iż-żmen il-piena kienet 'multa ta' mhux anqas minn 1,200 Ewro'. Il-Qorti qed tikkonsidra wkoll li l-appellant ikkopera mal-pulizija u li l-Ewwel Qorti ħassitha moralment konvinta li ċerti manuvri bil-karozza rriżultaw minħabba ħsara fil-karozza. Għalhekk tnaqqas il-multa għal 1800 Ewro.

Min-naħa l-oħra qed tikkonferma s-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur.

Għalhekk qed tilqa' t-tieni aggravju dwar il-piena limitatament għall-ammont tal-multa li għandha titħallas.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fis-6 ta' Mejju, 2014 fl-ismijiet premessi billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet u fejn illiberatu mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni u fejn ssospendiet il-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal sitt xhur u qed tirriformaha u tibdilha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant iħallas multa komplessiva ta' 2500 Ewro u minflok qed tikkundannah iħallas multa ta' elf u tmien mitt Ewro (€1,800) .